MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 1520/2003

**Sea Bank Catering Company Limited**

**Vs**

**New Horizons Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm262.50c (mitejn u tnejn u sittin lira Maltija u hamsin centezmu) rappresentanti kumpens ghal provvista ta' akkomodazzjoni lit-turisti.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u sema' lill-Dr Massimo Vella li ppresenta Nota ta' Riduzzjoni u kkonferma li l-bilanc dovut

huwa ta’ Lm199.50c (mija u disgha u disghin lira Maltin u hamsin centezmu)

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ Lm199.50c (mija u disgha u disghin lira Maltin u hamsin centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**Av. Peter Borg Costanzi**
**Gudikant**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------